IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 13.12.2016
SWD(2016) 461 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u l-Iżvizzera)

{COM(2016) 815 final}
{SWD(2016) 460 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt fuq inizjattiva biex jiġi parzjalment rivedut ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 987/2009 tiegħu

A. Il-ħtieġa għall-azzjoni

Għala? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Il-proposta tikkonċerna r-regoli tal-UE dwar il-koordinazzjoni tas-siġurtà soċjali għall-benefiċċji tal-kura fit-tul; il-benefiċċji tal-qgħad; il-benefiċċji tal-familji u l-aċċess ta' ċittadini ekonomikament inattivi għal ċerti benefiċċji soċjali.

Għall-**benefiċċji tal-kura fit-tul**, ġew identifikati tliet problemi: (i) Nuqqas ta' ċarezza għaċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet; (ii) Nuqqas ta' ċarezza fil-qafas ġuridiku; (iii) Riskju ta' telf ta' benefiċċji, jew inkella pagamenti doppji. Bħala riżultat, mhijiex qed taħdem b'mod effiċjenti l-koordinazzjoni transfruntiera tal-benefiċċji tal-kura fit-tul. 1.8 miljun persuna assigurata jgħixu fi Stat Membru li mhuwiex dak fejn huma assigurati kontra l-mard. Minn dawn, 45,000 jużaw benefiċċji in natura u 35,000 benefiċċji fi flus. L-għadd ta' utenti transfruntiera tal-benefiċċji tal-kura fit-tul se jiżdied bi 11% fl-2020 meta mqabbel mal-2013 u bi 28% fl-2030.

Għall-**benefiċċji tal-qgħad**, il-problemi jikkonċernaw: (i) applikazzjoni diverġenti tar-regoli tal-aggregazzjoni mill-Istati Membri (ii) għadd baxx ta' persuni li jesportaw il-benefiċċju tal-qgħad tagħhom (iii) it-trattament inkonsistenti ta' persuni qiegħda li jgħixu fi Stat differenti minn dak li qabel kien l-Istat Tax-Xogħol tagħhom (ħaddiema tal-fruntiera u ħaddiema transfruntiera oħra); (iv) regoli mhux sodisfaċenti tar-rimborż. Il-konsegwenzi huma l-ipproċessar ineffiċjenti tal-benefiċċji tal-qgħad, it-tqassim mhux indaqs tal-piż finanzjarju u l-ostakli potenzjali għall-persuni qiegħda biex jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol. Fl-2014, kien hemm madwar 91,700 ħaddiem transfuntier qiegħed, li 53,800 minnhom kienu ħaddiema tal-fruntiera. Ġew irrapurtati madwar 25,000 każ ta' aggregazzjoni u 27,300 każ ta' esportazzjoni.

Għall- **benefiċċji soċjali**, is-sentenzi reċenti fil-Kawżi C-140/12 *Brey*, C-133/13 *Dano*; u C-308/14 *Il-Kummissjoni vs ir-Renju Unit* ċċaraw li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jillimitaw it-trattament ugwali għal benefiċċji mhux kontributorji speċjali fi flus u benefiċċji oħrajn tas-sigurtà soċjali kklejmjati miċ-ċittadini ekonomikament inattivi sa fejn permess mid-Direttiva dwar il-Moviment Ħieles. Din il-ġurisprudenza mhix riflessa fir-Regolament u twassal għal nuqqas ta' trasparenza. Fl-2014, kien hemm madwar 3.7 miljun ċittadin mobbli tal-UE ekonomikament inattivi. Kważi 80 % jidderivaw drittijiethom (drittijiet ta' residenza u/jew drittijiet għall-benefiċċji) minn membri tal-familja ekonomikament attivi, u għalhekk huma intitolati għal trattament ugwali bħall-membri tal-familja ta' ħaddiema nazzjonali. L-20 % li jifdal jintlaqtu min-nuqqas attwali ta' ċarezza u trasparenza fir-rigward tad-drittijiet tagħhom biex jikklemjaw il-benefiċċji fl-istat li jospitahom.

Għall-esportazzjoni tal-**benefiċċji tal-familja**, ġew identifikati tliet problemi: i) perċezzjonijiet ta' inġustizzja fil-kapaċità tal-akkwist komparattiva tal-benefiċċji tal-familja esportati ii) ir-riskju li r-regoli jnaqqsu l-inċentivi għall-ġenituri biex jaħdmu u jaqsmu r-responsabbilitajiet tat-trobbija tal-ulied; Iii) diffikultajiet amministrattivi b'mod partikolari, għoti ta' ċerti tipi ta' benefiċċju abbażi ta' drittijiet derivati. Dan joħloq sfida għall-awtoritajiet pubbliċi u għandu konsegwenzi potenzjalment negattivi fuq il-familji fejn ġenitur jew aktar jaħdmu fi Stat Membru differenti mill-Istat fejn jirrisjedi l-wild. Fl-2013, medja ta' 1 % tal-benefiċċji tat-tfal ġew esportati għal 506 elef wild jgħixu fi Stat Membru ieħor.

X'mistennija twettaq din l-inizjattiva?

L-għan kumplessiv huwa l-modernizzazzjoni billi tiġi żgurata ċ-ċarezza ġuridika, tqassim ġust u ekwu tal-piż finanzjarju fost l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri u sempliċità u infurzabbiltà amministrattiva tar-regoli.

L-għanijiet speċifiċi għall-**benefiċċji tal-kura fit-tul** huma li:
- Jiġi stabbilit reġim xieraq u stabbli,
- Jiġi żgurat tqassim ugwali tal-piż bejn l-Istati Membri,
- Tingħata ċarezza ġuridika u trasparenza liċ-ċittadini, l-istituzzjonijiet u partijiet interessati oħra.

Għall- **benefiċċji tal-qgħad**, sabiex:

- Tiġi żgurata applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli tal-aggregazzjoni u tal-kalkolu li jirriflettu l-grad ta' integrazzjoni ta' ħaddiem fi Stat Membru,
- Jiġi żgurat li jitħarsu l-ħaddiema mobbli fl-UE meta jfittxu xogħol u jibdew jaħdmu fi Stat Membru ieħor,
- Titneħħa d-distinzjoni bejn il-ħaddiema tal-fruntiera u ħaddiema transfruntiera oħra fir-rigward tal-Istat fejn jistgħu jikklejmjaw il-benefiċċji, filwaqt li tiġi promossa l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol,
- Jiġi żgurat li l-piż finanzjarju għall-benefiċċji tal-qgħad jitqassam bejn l-Istati Membri fi proporzjon għal-livell ta' kontribuzzjonijiet u taxxa miġbura u mingħajr mekkaniżmu ta' rimborż,
- Jiġi pprovdut mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u kontroll sistematiku u faċli biex tamministrah biex jiġu mmonitorjati d-drittijiet u l-obbligi mill-persuna qiegħda li tgħix fi Stat Membru li mhuwiex dak li qed iħallas il-benefiċċji.

Għall- **benefiċċji soċjali** , sabiex:

- Jiġu żgurati ċ-ċarezza ġuridika u t-trasparenza dwar id-drittijiet tal-ħaddiema, dawk li qed ifittxu x-xogħol u ċittadini mobbli tal-UE ekonomikament inattivi, inkluż sa fejn huma permessi l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membri jillimitaw il-prinċipju tat-trattament ugwali għall- aċċess għall- benefiċċji soċjali.

Għall- **benefiċċji tal-familja**, sabiex:

- Tiġi żgurata rabta ċara u trasparenti bejn l-Istat Membru li joħroġ il-benefiċċji tal-familja u min jirċevihom,
- Jitnaqqsu l-ostakli jew id-diżinċentivi għat-tkomplija tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol,
- Jiġi żgurat li l-benefiċċji tal-familja jiġu pproċessati bil-mod l-aktar effiċjenti possibbli.

X'inhu l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE?

Koordinazzjoni effettiva u effiċjenti trid tqis il-bidliet soċjali u fis-sigurtà soċjali nazzjonali tal-Istati Membri. Azzjoni fuq livell tal-UE se tiżgura interpretazzjoni uniformi u ħarsien tad-drittijiet taċ-ċittadini mobbli tal-UE u tal-membri tal-familja tagħhom li ma jistgħux jintlaħqu mill-Istati Membri weħidhom.

B. Soluzzjonijiet

Liema alternattivi politiċi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi qegħdin jitqiesu? Hemm għażla preferuta, jew le? Għala?

Għall-**benefiċċji tal-kura fit-tul**, tqiesu żewġ alternattivi ta' politika leġiżlattivi (b'2 subalternattivi):

1. L-Istat Membru kompetenti jipprovdi benefiċċji tal-kura fit-tul u jħallas lura in natura l-ispiża tal-benefiċċji pprovduta mill-Istat Membru ta' residenza (billi jsegwi l-prinċipji eżistenti għall-benefiċċji tal-mard, bil-kjarifiki),
2. L-Istat Membru tar-residenza jipprovdi l-benefiċċji kollha tal-kura fit-tul b'rimborż mill-Istat Membru kompetenti 2a) l-ebda suppliment mill-Istat Membru kompetenti 2b) b'suppliment.

Ġew skartati tliet alternattivi: (1) l-introduzzjoni ta' dispożizzjoni ta' salvagwardja, (2) li l-Istat ta' residenza jsir responsabbli għall-għoti tal-benefiċċji kollha tal-kura fit-tul mingħajr rimborż u (3) li l-Istat Membru kompetenti jsir responsabbli għall-għoti tal-benefiċċji kollha tal-kura fit-tul (esportazzjoni).
Ġiet ippreferuta l-alternattiva 1 sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni stabbli tar-regoli.

Għall-**benefiċċji tal-qgħad:** Tqiesu tliet alternattivi ta' politika leġiżlattivi sabiex jiżguraw l-applikazzjoni uniformi tar-regoli **tal-aggregazzjoni u tal-kalkolu għall-benefiċċji tal-qgħad**:

1. Aggregazzjoni wara jum biss ta' impjieg,
2. Aggregazzjoni wara perjodu ta' a)xahar jew b)tliet xhur ta' impjieg,
3. Bl-użu ta' dħul ta' referenza rċevut fl-Istat Membru tal-impjieg preċedenti għall-kalkolu tal-benefiċċji tal-qgħad wara jew a) xahar jew b) tliet xhur ta' impjieg fl-Istat Membru kompetenti,
4. alternattiva orizzontali għall-għarfien tal-perjodi tal-assigurazzjoni għall-aggregazzjoni.

L-alternattiva 2b preferuta se tingħaqad ma' obbligu għall-Istat Membru tal-aħħar impjieg biex jipprovdi benefiċċji tal-qgħad fejn din il-kundizzjoni ma tkunx twettqet, u l-alternattiva orizzontali. Dan jiżgura livell minimu ta' integrazzjoni fl-Istat Membru ospitanti qabel l-intitolament għall-pretensjoni tal-benefiċċji tal-qgħad u approċċ konsistenti mill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-ħaddiema mobbli se jiġu protetti meta ma jwettqux dan il-perjodu fl-Istat Membru tal-aħħar attività.

Tqiesu żewġ alternattivi ta' politika leġiżlattivi biex jestendu l-perjodu minimu ta' **esportazzjoni** tal-benefiċċji tal-qgħad:

1. L-estensjoni tal-perjodu minimu għall-esportazzjoni tal-benefiċċji tal-impjieg minn tlieta sa sitt xhur b'diskrezzjoni għall-esportazzjoni tal-benefiċċju għall-perjodu sħiħ tal-intitolament,
2. L-estensjoni tal-perjodu tal-esportazzjoni tal-benefiċċju tal-impjieg għall-perjodu kollu tal-intitolament,

L-alternattiva preferuta hija l-1 magħquda ma' mekkaniżmu msaħħaħ ta' kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-impjieg ikkonċernati bl-appoġġ lit-tiftix ta' xogħol transfruntier.

Tqiesu tliet alternattivi politiċi għall-benefiċċji tal-qgħad għal **ħaddiema fuq il-fruntiera u ħaddiema transfruntiera oħra**:

1. L-għoti ta' għażla lill-ħaddiema tal-fruntiera dwar fejn iridu jikklejmjaw il-benefiċċji tal-qgħad bl-istess mod ta' ħaddiema transfruntiera oħra,
2. Li l-Istat tal-aħħar attività jkun responsabbli għall-ħlas tal-benefiċċji tal-qgħad bis-subalternattivi li a) jeħtieġu lill-ħaddiema tal-fruntiera jirreġistraw mas-servizz tal-impjiegi tal-Istat responsabbli jew b) jagħtuhom għażla bejn ir-reġistrazzjoni mas-servizz tal-impjiegi tal-Istat kompetenti jew l-Istat ta' residenza tagħhom,
3. Li l-Istat tal-aħħar attività jkun responsabbli mill-ħlas tal-benefiċċji tal-qgħad meta l-ħaddiem tal-fruntiera jkun ħadem hemm għal mill-inqas 12-il xahar jew inkella l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà lill-Istat Membru ta' residenza bis-subalternattivi ta' a) il-ħaddiema tal-fruntiera jkunu meħtieġa jirreġistraw mas-servizz tal-impjiegi tal-Istat responsabbli jew b) jingħataw għażla bejn ir-reġistrazzjoni mas-servizz tal-impjiegi tal-Istat kompetenti jew l-Istat ta' residenza tagħhom,

L-alternattiva 3a preferuta toffri l-aħjar kompromess fir-rigward ta' qsim tal-piż ekwu u amministrattivament kosteffikaċi.

Għall-**benefiċċji soċjali**, l-alternattivi ikkontemplati[1] kienu leġiżlattivi (emendar tar-regolament):

1. a) Tiġi permessa deroga għall-prinċipju tat-trattament ugwali fl-Artikolu 4 dwar l-assistenza soċjali biss,
   b) Tiġi permessa deroga għall-prinċipju tat-trattament ugwali fl-Artikolu 4 dwar firxa akbar ta' benefiċċji ffinanzjati mit-taxxa,
   C) Tiġi permessa deroga preċiża għall-prinċipju tat-trattament ugwali fir-rigward tal-benefiċċji speċjali li mhumiex kontributorji u li jingħataw fi flus fl-Artikolu 70;
2. It-tneħħija ta' benefiċċji speċjali li mhumiex kontributorji u li jingħataw fi flus li jipprovdu dħul għall-għajxien mir-Regolament 883/2004,
3. Tqieset ukoll alternattiva mhux leġiżlattiva (li tiċċara r-regoli permezz ta' komunikazzjoni).

Sabiex jintlaħaq l-għan li tiġi żgurata ċ-ċertezza ġuridika u t-trasparenza bl-aktar mod effiċjenti u effettiv, l-alternattiva preferuta hija tagħqida ta' 1a u 1b.

Għall-**benefiċċji tal-familji**, bħala alternattiva għall-istatus quo, tqiesu żewġ alternattivi leġiżlattivi fir-rigward tar-rabta bejn il-livell tal-benefiċċji tal-familja rċevuti u l-ispejjeż imġarrba:

1. L-indiċjar tal-benefiċċji tal-familja esportati lill-Istat ta' residenza tal-wild a) aġġustament 'il fuq jew 'l isfel u b) 'l isfel biss,
2. L-Istat tar-residenza ikollu l-kompetenza primarja biex iħallas il-benefiċċji tal-familja.

Tqieset l-alternattiva tat-tneħħija tal-obbligu tal-esportazzjoni tal-benefiċċji tal-familja, imma ġiet skartata għal raġunijiet legali.

Barra minn hekk, tqieset alternattiva leġiżlattiva orizzontali għall-koordinazzjoni ta' allowances għat-trobbija tat-tfal. Din għandha tliet varjanti a) drittijiet individwali għall-allowances għat-trobbija tat-tfal marbuta mas-salarju b'obbligu mandatorju biex l-Istat Membru kompetenti sekondarju jidderoga mir-regoli dwar l-anti-overlapping (i.e. jitħallas il-benefiċċju bis-sħiħ), b) l-istess metodu bħal (a) imma għall-allowances kollha għat-trobbija tat-tfal (marbuta mas-salarju u rata fissa) u c) l-istess metodu bħal (b) iżda b'deroga fakultattiva mir-regoli dwar l-anti-overlapping (i.e. stat sekondarju kompetenti jista' jew iħallas is-somma sħiħa jew iħallas "top-up" biss fejn il-benefiċċji jkunu ogħla minn tal-Istat bil-kompetenza primarja)

L-alternattiva preferuta hija li jinżamm l-istatus quo flimkien mal-alternattiva orizzontali c. Din tiżgura li r-responsabbiltà primarja għall-benefiċċji tal-familja tinżamm mill-Istat Membru tal-attività ekonomika fejn ġenitur

[1] Is-sentenza tal-QĠUE 308/14 *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit* effettwat il-valutazzjoni tal-impatt tal-alternattivi . Wara din is-sentenza, l-Istati Membri se jagħmlu l-aċċess taċ-ċittadini ekonomikament inattivi, sew għall-assistenza soċjali sew għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, soġġett għat-twettiq tal-kundizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu. Is-sitwazzjoni hija differenti għal min ikun qed ifittex xogħol u d-dritt ta' residenza tiegħu jkun ikkonferit direttament mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Billi dan ir-rapport ġie approvat mill-Bord għall-Iskrutinju Regolatorju qabel din is-sentenza, l-awturi ma rrevedewx sostanzjalment l-alternattivi jew l-analiżi tal-impatt tagħhom, li ma jirriflettix dan it-trattament differenzjat ta' ċittadini ekonomikament inattivi u nies li qed ifittxu x-xogħol.

iħallas it-taxxi u l-kontributi tas-sigurtà soċjali; dan jipproteġi lill-membri tal-familja u jaħdem fl-aħjar interessi tat-tfal. Bl-introduzzjoni tal-alternattiva orizzontali c, huwa wkoll possibbli li jiġi promoss bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja familjari waqt perjodi ta' trobbija tat-tfal, billi titqiegħed enfasi akbar fuq id-drittijiet individwali u jiġu appoġġati dawk l-Istati Membri li attivament jippromowovu bilanċ akbar bejn is-sessi mingħajr ma jimponu dan l-obbligu.

Min jappoġġa liema alternattiva?

Għall-**benefiċċji tal-kura fit-tul**, ix-Xenarju ta' Bażi (status quo) ġie appoġġat minn tmien Stati Membri[2]; tnejn opponew din l-alternattiva. Iż-żieda fil-ħarsien soċjali għaċ-ċittadini vulnerabbli ġiet enfasizzata bħala preokkupazzjoni mill-NGOs u ċ-ċittadini. L-alternattiva 1 l-aktar li kellha appoġġ mill-Istati Membri (16 favur u ħadd kontra).
L-ebda Stat Membru ma appoġġa l-alternattiva 2.

Għall-**benefiċċji tal-qgħad**, kienet imħallta r-reazzjoni tal-Istati Membri, l-esperti, is-sħab soċjali, l-NGOs u partijiet ikkonċernati oħra u, minbarra l-alternattiva orizzontali, ma kienx hemm maġġoranza ċara favur ebda alternattiva. Il-maġġoranza tar-rispondenti individwali għall-konsultazzjoni pubblika qablu mal-estensjoni tal-perjodu ta' esportazzjoni għall-benefiċċji tal-qgħad u dritt tal-għażla għall-ħaddiem tal-fruntiera.

Għall-**benefiċċji soċjali**, 11-il Stat Membru appoġġaw li jiġi emendat l-Artikolu 4 tar-Regolament 883/2004 sabiex ikunu permessi derogi għall-assistenza soċjali. Żewġ Stati Membri appoġġaw it-tneħħija mir-Regolament tal-benefiċċji speċjali mhux kontributorji fi flus. Erba' Stati Membri qablu mal-għoti ta' gwida amministrattiva. Il-fehmiet tas-sħab soċjali kienu mħallta, b'xi wħud jaqblu ma' salvagwardji aktar qawwija biex jitħarsu s-sistemi tas-sigurtà soċjali minn pożijiet mhux raġonevoli, u oħrajn saħqu dwar l-impatti potenzjalment detrimentali fuq ċittadini vulnerabbli. Billi dawn il-miżuri jikkostitwixxu kodifikazzjoni tal-każistika, ma kinux parti mill-konsultazzjoni pubblika.

Għall-benefiċċji tal-familja, ix-xenarju ta' bażi ġie appoġġat minn 17 mit-28 Stat Membru. L-NGOs u s-sħab soċjali li jirrappreżentaw il-ħaddiema kienu favur ukoll, bħal ma kienu l-maġġoranza tar-rispondenti fil-konsultazzjoni pubblika. L-alternattivi 1a u 1b kellhom appoġġ baxx mill-Istati Membri (erba' Stati Membri kienu favur alternattiva a) u ħadd favur b). L-alternattiva 2 kellha l-appoġġ bħala l-ewwel jew it-tieni għażla minn 10 Stati Membri, filwaqt li l-fehmiet tal-NGOs, is-sħab soċjali u l-konsultazzjoni pubblika kienu mħallta. L-alternattivi orizzontali ġew żviluppati bħala rispons dirett għar-rispons minn 4 Stati Membri, il-Kunsill, il-Parlament, is-sħab soċjali, il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u l-Irġiel, u partijiet konċernati oħra dwar il-ħtieġa għal prattiki tax-xogħol aktar flessibbli biex jiġu appoġġati l-ġenituri. Billi ġew żviluppati aktar tard fil-proċess ta' konsultazzjoni, seħħet biss konsultazzjoni informali.

C. L-impatti tal-alternattiva preferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-alternattiva preferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?

Il-benefiċċji tal-kura fit-tul
L-alternattiva 1 ġġib aktar ċertezza ġuridika, trasparenza u stabilità lir-reġim. Kapitlu separat li jikkategorizza r-regoli għall-benefiċċji tal-kura fit-tul se jipprovdi distinzjoni ċara mid-dispożizzjonijiet dwar il-benefiċċji tal-mard u l-assistenza soċjali. Iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet se jgawdu minn din il-kjarifika. L-ispejjeż tal-implimentazzjoni se jkunu baxxi billi mhux se tinbidel drastikament is-sistema attwali. Billi se jeħfief it-tqabbil tal-benefiċċji, l-alternattiva tista' tnaqqas it-tilwimiet bejn l-istituzzjonijiet u tiffranka ż-żmien u l-flus għal kull każ. Hija wkoll koerenti mal-għan taż-żieda fil-ħarsien tal-persuni li jeħtieġu l-kura fit-tul.

Il-benefiċċji tal-qgħad
L-alternattivi preferuti jiżguraw rabta isħieħ bejn l-istituzzjonijiet kompetenti u min jikkelmja. Il-proposta għall-ħaddiema tal-fruntiera u l-għoti ta' perjodu itwal tal-esportazzjoni x'aktarx jiffaċilitaw l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol u għalhekk se jkollhom impatt pożittiv fuq il-ħaddiema mobbli; mistenni impatt kumplessiv pożittiv mit-tneħħija tal-proċedura tar-rimborż. L-estensjoni tal-perjodu ta' esportazzjoni se żżid l-opportunitajiet għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, iżda mhux se jkolha impatt dirett, billi l-perjodu ta' esportazzjoni qatt ma jeċċedi l-intitolament sottostanti.

Il-benefiċċji soċjali

[2] Opinjonijiet tal-Istati Membri espressi fil-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali

L-alternattiva preferuta se tiċċara d-drittijiet taċ-ċittadini mobbli tal-UE u tiffaċilita għażliet infurmati miċ-ċittadini. Taf tnaqqas l-ispejjeż regolatorji (spejjeż tal-litigazzjoni spejjeż għall-parir legali) u tagħti viżibilità akbar lis-salvagwardji eżistenti għas-sistema tal-welfare tal-Istat Membru ospitanti, filwaqt li tippreżerva d-drittijiet taċ-ċittadini meta jkunu qed jeżerċitaw il-libertà tal-moviment.

il-benefiċċji tal-familja
L-impatt tax-xenarju bażi huwa newtrali. L-alternattiva orizzontali c taf tneħħi d-diżinċentivi għall-ġenituri li jaqsmu r-responsabbilitajiet tat-trobbija tat-tfal. Sakemm il-benefiċċji jkunu jistgħu jingħataw biss abbażi tal-intitolament individwali, wieħed ikun jista' jasal għal rabta ċara u trasparenti bejn l-Istat Membru li joħroġ il-benefiċċju u r-reċipjent, Dan sejjer ukoll jissimplifika l-proċeduri, u b'hekk jonqsu l-ispejjeż regolatorji għall-awtoritajiet pubbliċi u jitnaqqas id-dewmien fl-ipproċessar tal-claims.

L-ebda impatt ma huwa previst fil-konfront tal-inizjattiva dwar kwistjonijet ambjentali.

X'inhuma l-benefiċċji tal-alternattiva preferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?

Il-benefiċċji tal-kura fit-tul
L-ispejjeż tal-implimentazzjoni mistennija jkunu baxxi u, għaż-żmien fit-tul, l-alternattiva sejra tiffranka l-ħin u l-flus minfuqa fuq kull każ mill-Istati Membri.

Il-benefiċċji tal-qgħad
L-alternattiva preferuta għall-**aggregrazzjoni tal-perjodi u l-kalkolu tal-benefiċċji** x'aktarx ma jkollhiex effett kumplessiv sostanzjali fuq in-nefqa. Skont ir-regoli attwali, wieħed jista' jistenna ffrankar kumplessiv minuri (€ 29 miljun għat-23 Stat Membru li rrapportaw).
Estensjoni tal-**perjodu ta' esportazzjoni** minimu għall-benefiċċji tal-qgħad minn 3 sa 6 xhur mhux se jkollu impatt dirett, minħabba li l-perjodu tal-esportazzjoni qatt ma jeċċedi l-perjodu tal-intitolament sottostanti għall-benefiċċji tal-qgħad.
L-alternattiva preferuta għall-benefiċċji tal-impjiegi għall-ħaddiema tal-fruntiera, tista' twassal għal żieda żgħira fil-pagamenti kumplessivi (€ 442 miljun minflok € 416 miljun tax-xenarju ta' bażi).

Il-benefiċċji soċjali
Billi kodifikazzjoni ta' ġurisprudenza eżistenti, l-ebda spejjeż sinifikanti mhuma mistennija.

il-benefiċċji tal-familja
L-impatt tax-xenarju bażi huwa newtrali. L-alternattiva orizzontali c tista' tfisser li xi ġenituri jitilfu l-intitolament eżistenti abbażi tad-drittijiet derivati. Madankollu, fid-dawl tal-livelli baxxi ta' konformità fost l-Istati Membri bir-rekwiżit li jagħtu drittijiet derivati marbuta mal-allowances għat-trobbija tat-tfal, l-impatt mistenni jkun limitat. L-alternattiva orizzontali għandha mnejn ukoll timplika impatt ekonomiku negattiv billi l-Istati Membri komponenti jafu jkollkom iħallsu aktar f'benefiċċji. Madankollu, l-Istati Membri se jkollhom għażla dwar jekk japplikawx ir-regoli tal-anti-akkumulazzjoni; għalhekk kull impatt ekonomiku jkun volontarju. In-natura fakultattiva tad-deroga għandha mnejn tnaqqas l-impatt benefiku ta' din il-bidla għall-ġenituri li jaħdmu.

L-ebda impatt negattiv ma huwa previst fil-konfront tal-inizjattiva dwar kwistjonijet ambjentali.

Kif se jiġu effettwati n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Mhux mistenni l-ebda impatt dirett għan-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Il-benefiċċji tal-kura fit-tul:
Mhux applikabbli

Il-benefiċċji tal-qgħad:
Mhux applikabbli

Il-benefiċċji soċjali:
Mhux applikabbli

Il-benefiċċji tal-familja:
L-alternattiva orizzontali c għandha mnejn iżżid in-nefqa mill-Istat Membru kompetenti sekondarju b'medja ta'

60 %; madankollu, l-Istati Membri se jkollhom għażla bejn japplikawx jew le r-regoli dwar l-anti-overlapping.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Il-benefiċċji tal-kura fit-tul

Ir-regoli l-ġodda se jwasslu għal koordinazzjoni b'inqas intoppi tal-benefiċċji tal-kura fit-tul u għalhekk għal-libertà tal-moviment u tar-residenza. Dan se jiżgura li ċ-ċittadini bi bżonnijiet ta' kura ma jkunux żvantaġġati fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għall-moviment ħieles fl-UE.

Il-benefiċċji soċjali:

L-alternattiva tagħti viżibilità akbar lis-salvagwardji eżistenti fil-liġi tal-UE sabiex iċ-ċittadini ekonomikament inattivi tal-Unjoni jkunu pprojbiti milli jużaw is-sistema tal-welfare tal-Istat Membru ospitanti biex jiffinanzjaw il-mezzi tas-sussistenza tagħhom.

Il-benefiċċji tal-qgħad

L-estensjoni tal-perjodu ta' esportazzjoni se tippermetti li min ikun qed ifittex xogħol jagħmel użu aħjar mis-suq tax-xogħol Ewropew.

Il-benefiċċji tal-familja

L-alternattivi orizzontali joffru protezzjoni superjuri għad-drittijiet fundamentali b'rabta mad-drittijiet tal-familja (l-Artikolu 33(2)) sabiex jiġu rrikonċiljati l-ħajja familjari u dik professjonali.

D. Segwitu

Meta ser tiġi rieżaminata l-politika?

Il-progress tal-implimentazzjoni tar-rieżami se jiġi evalwat mill-Kummissjoni ħames snin wara l-applikazzjoni tal-qafas legali rieżaminat.